MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 581/2004/1

**Mario Debono u martu Alfrida Debono ghal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Tabib Principali tal-Gvern u b'digriet tat-18 ta' April 2005 Pierina Zammit, Stephanie Zammit u Martine Zammit intervjenew fil-kawza *in statu et***

**_terminis_ u b'digriet tas-27 ta' Marzu 2006 Marianne Caruana interveniet fil-kawza**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li l-atturi pprezentaw fis-6 ta' Awwissu 2004, li jaqra hekk:

> "Premess illi l-attur Mario Debono ghandu licenzja ta' spizerija bir-referenza numru SR125 li hija relattiva ghall-ispizerija bl-isem Economical Dispensary liema licenzja ilha fuq ismu mis-sena 1970 (cirka) u precedentement mis-snin tat-tlettinijiet (1930s) kienet f'isem il-genituri tieghu u precisament sas-sena 1957 kienet f'isem missieru Giuseppi li kien spizjar ukoll u sussegwentement f'isem ommu sakemm f'Novembru 1969 dina l-licenzja giet mghoddija lill-attur Mario Debono;
>
> "Premess illi ghal dawn l-ahhar sebghin sena (cirka) l-attur Mario Debono u l-aventi kawza tieghu kien jopera l-licenzja tieghu mill-fond bin-numru 67 (gja 117), Triq San Sebastjan Hal Qormi liema fond kien mikri l-ewwel lill-missier l-attur u sussegwentement lill-attur Mario Debono semplicement bhala fond kummercjali u xejn aktar tant illi dan il-fond kien battal u vojt meta kien gie mikri inizjalment minn missier l-attur;
>
> "Premess illi b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Ottubru 2003, is-sidien tal-imsemmi fond jigifieri 67 (gja 117) Triq San Sebastjan Hal-Qormi nghataw id-dritt li jergghu jiehdu lura l-fond indikat li kien proprjeta' taghhom u dan bhala fond biss peress li huma kienu u ghadhom proprjetarji tal-imsemmi fond izda la kellhom u lanqas ghandhom x'jaqsmu xejn mal-licenzja li hija responsabilita' u proprjeta' esklussiva tal-attur Mario Debono;

“Premess illi minhabba dan l-istat ta’ fatt l-attur Mario Debono immedjatament u precizament permezz ta’ ittra datata 26 ta’ Jannar 2004 (u dan qabel mal-proprjetarji hadu lura l-pussess tal-fond) kien gharraf lill-konvenut li huwa ma kellu ebda intenzjoni li jirrilaxxa l-licenzja tieghu li kienet ilha f’ismu ghal aktar minn tletin sena;

“Premess illi ghalhekk l-attur sab fond alternattiv minn fejn jopera l-licenzja tieghu jigifieri 6 (gja 5), Triq Patri Spiteri Fremond Qormi u fil-fatt permezz ta’ ittra ohra datata 8 ta’ Frar 2004 kien informa lill-konvenut illi l-ispizerija li taghha huwa l-persuna licenzjata kienet ser tkun maghluqa ghal ftit ta’ zmien u dan kif tippermetti l-ligi. Illi l-ghada fid-9 ta’ Frar 2004 huwa gharraf ukoll lill-konvenut li kien ser jakkwista post iehor aktar addattat minn fejn jopera l-licenzja tieghu jigifieri dik bin-numru ta’ referenza SR125 li hija relattiva ghall-ispizerija bl-isem Economical Dispensary;

“Premess illi fid-19 ta’ Mejju 2004, wara li ffinalizza dak kollu mehtieg sabiex ikun jista’ jopera l-licenzja tieghu minn fond alternattiv jigifieri 6 (gja 5) Triq Patri Spiteri Fremond Qormi, huwa ppresenta l-applikazzjoni relattiva mahruga mill-konvenut sabiex jixxiftja l-licenzja tieghu ta’ spizerija bir-referenza numru SR125 li hija relattiva ghall-ispizerija bl-isem Economical Dispensary mill-fond bin-numru 67 (gja 117) Triq San Sebastjan Hal-Qormi ghall-fond il-gdid jigifieri 6 (gja 5) Triq Patri Spiteri Fremond Qormi u dan fid-dawl tar-regolamenti relattivi ghal-licenzji tal-ispizeriji;

“Premess illi wara li l-attur ippresenta l-applikazzjoni tieghu l-konvenut ghall-ewwel darba u dan permezz ta’ ittra datata 31 ta’ Mejju 2004 gharrfu li huwa ma kienx ser jikkonsidra favorevolment li jilqa’ t-talba tieghu li jirriloka l-licenzja tieghu u dan minghajr ma lanqas biss indenja ruhu jezamina l-fond alternattiv li minnu rrid jerga’ jibda jopera l-attur;

“Premess illi l-attur ppresenta protest gudizzjarju li permezz tieghu huwa pprotesta ghall-inazzjoni, dewmien u l-attitudini negattiva li kien qieghed jiehu l-konvenut fil-konfront tieghu u dan intiz biss sabiex itawwal iz-zmien u b’hekk jiffavorixxi lil terzi li minkejja li ma ghandux licenzja fuq ismu qieghed juza l-mezzi kollha li wiehed jista’ jkollu sabiex jottjeni dak li legalment ma huwiex tieghu u minflok li l-konvenut jilqa’ t-talba (kif ghandu jaghmel) tal-persuna licenzjata jigifieri tal-attur qieghed jipprova jaghti dina l-licenzja lil dan l-individwu u dan bi ksur car kemm tar-regolamenti relattivi u bi ksur tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta);

“Premess illi b’dan l-agir u decizjoni tal-konvenut reflessi fl-ittri tal-31 ta’ Mejju 2004 u dik tas-6 ta’ Lulju 2004 l-attur ser isofri danni u dan ghaliex ser jigi mcahhad minn dina l-licenzja minghajr ebda raguni valida skond il-ligi u bi ksur ukoll tad-drittijiet tieghu;

“Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-

“1. Tiddeciedi u tiddikjara illi d-decizjoni li ha l-konveut u kkomunikata lill-attur permezz ta’ ittra tal-31 ta’ Mejju 2004 u dik datata 6 ta’ Lulju 2004 li permezz taghhom il-konvenut ma kienx ser jilqa’ t-talba tal-attur li jkompli jopera l-licenzja ta’ spizerija bir-referenza numru SR125 li hija relattiva ghall-ispizerija bl-isem Economical Dispensary mill-fond 6 (gja 5) Triq Patri Spiteri Fremond Qormi tikser ir-regolamenti relattivi kif ukoll l-Artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) ;

“2. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-licenzja ta’ spizerija bir-referenza numru SR125 li hija relattiva ghall-ispizerija bl-isem Economical Dispensary tappartjeni lill-attur ;

“3. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jawtorizza lill-attur jibda jopera l-licenzja ta’ spizerija bir-referenza numru SR125 li hija relattiva ghall-ispizerija bl-isem Economical Dispensary mill-fond 6 (gja 5) Triq Patri Spiteri Fremond Qormi.

“Bl-ispejjez inkluz dawk tal-protest gudizzjarju u tal-mandat ta’ inibizzjoni li qieghed jigi ppresentat kontestwalment ma’ dina l-kawza u li ghandu n-numru ta’ referenza bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi d-decizjoni tieghu li ma jippermettix illi l-attur Mario Debono juza l-licenzja li kellu biex jiggestixxi spizerija fil-fond numru 117 Triq San Bastjan, Qormi sabiex jiftah spizerija ohra go fond iehor wara illi huwa gie sgumbrat mill-fond minn fejn kien awtorizzat jiggestixxi spizerija ttiehdet b'applikazzjoni korretta u imparzjali tal-ligi u tal-mansjonijiet tal-esponent fil-qasam tar-regolamentazzjoni tas-servizzi relatati mas-sahha.

"2. Illi l-atturi m`ghandhom ebda dritt illi jaghzlu huma minn fejn jiggestixxu l-ispizerija li ghaliha tirreferi l-licenzja bir-riferenza numru SR 125 imsemmija fic-citazzjoni u dan wisq anqas meta l-fond tal-gestjoni huwa specifikat fil-licenzja stess u kienu l-atturi stess illi rrendew dik il-licenzja ineffikaci u nulla meta kkomportaw ruhhom b`mod illi wassal biex jigu zgumbrati mill-fond in kwistjoni.

"3. Illi kwantu titlob lill-Qorti sabiex tawtorizza lill-atturi biex joperaw spizerija minn fond li mhuwiex licenzjat bhala tali (u cioe` mill-fond 6 Patri Spiteri Fremond Qormi) ic-citazzjoni tesorbita l-gurisdizzjoni tal-Qorti billi qeghda effettivament titlob lill-Qorti sabiex twettaq att amministrattiv mhux att gudizzjarju."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Gunju 2011, li in forza taghha cahdet, bl-ispejjez, it-talbiet tal-atturi;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"<u>Fil-qosor</u>, dawn huma l-fatti <u>saljenti</u> tal-vertenza.

"L-attur Mario Debono huwa spizjar u kien licenzjat mid-Dipartiment tas-Sahha sabiex jiggestixxi spizerija bl-isem *Economical Dispensary* mill-fond 117 (gia` 67) Triq San Bastjan, Hal Qormi. In-numru tal-licenzja kien SR 125. L-attur

esebixxa bhala Dok MD1 (a fol 6) kopja tal-licenzja ghas-sena li bdiet fl-1 ta` Jannar 2002 skond l-Art.22 tal-Kap.31 tal-Ligijiet ta` Malta.

"Irrizulta li l-attur kien jiddetjeni l-fond 117 (gia` 67) Triq San Bastjan, Hal-Qormi, b`titolu ta` kera. Gara li permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta` Ottubru 2003 fil-kawza *Ines Brincat v. Mario Debono* l-attur kien zgumbrat mill-fond 117 (gia` 67) Triq San Bastjan, Qormi. U, skond is-sentenza, l-attur kellu jirrilaxxja l-fond sal-10 ta` Novembru 2003. Ic-cirkostanzi li wasslu ghas-sentenza ta` zgumbrament tal-attur mhumiex rilevanti ghall-kawza tal-lum. Certament rilevanti huwa l-fatt li bis-sahha ta` dik is-sentenza l-attur kien zgumbrat mill-fond 117 (gia` 67) Triq San Bastjan, Hal-Qormi.

"Wara s-sentenza fuq riferita, precizament fis-26 ta' Jannar 2004, u allura wara li l-attur kien suppost diga` rrilaxxja l-fond lis-sidien, l-attur kiteb lid-Direttur Generali tas-Sahha u avzah li *I have no intention of relinquishing, transferring or otherwise ceding my above licence* u cioe` SR 125 (ara fol. 7 tal-process).

"Fit-8 ta' Frar 2004, u allura, issostni din il-Qorti, fi zmien meta l-attur kien diga` suppost irrilaxxja l-fond lis-sidien, l-attur kiteb lis-Supritendent tas-Sahha Pubblika fejn avzah li l-*Economical Dispensary – for the time being will be kept closed* (ara fol. 8 tal-process). Jigi rilevat li l-attur ma ndikax ghal kemm zmien, lanqas b`mod aprossimattiv, l-ispizerija kienet sejra tkun maghluqa. Din il-Qorti tiddisputa l-korrettezza u l-attendibilita` ta` t-taghrif li kien qieghed jaghti l-attur, kunsidrat il-fatt li bl-izgumbrament tieghu mill-fond de quo kienet tronkat darba ghal dejjem kull rabta li l-attur kellu ma` dak il-fond.

"Incidentament, l-ghada, 9 ta' Frar 2004, l-attur rega' kiteb lid-Direttur Generali tas-Sahha fejn, ghall-ewwel darba u cioe` erba` xhur wara l-ghoti tas-sentenza, avzah illi b`sentenza tal-Qorti huwa kien gie zgumbrat mill-*Economical Dispensary,* u avzah li *I am finalizing arrangements to acquire new and better premises to transfer my above Dispensary subject to such premises being found acceptable by the Department of Health and other relevant authorities* (ara fol.9 tal-process). Huwa evidenti li l-attur kien qieghed jaghmel tentattiv sabiex, vis-a-vis l-awtoritajiet kompetenti, iqassar kemm jista` jkun iz-zmien tat-tluq tieghu mill-fond ta` Triq San Bastjan sakemm jilhaq isib post iehor fejn jiftah spizerija ohra u b`hekk isostni t-talba tieghu ghal rilokazzjoni.

"Kien aktar minn tliet xhur wara, u cioe` fid-19 ta` Mejju 2004, l-attur ressaq applikazzjoni sabiex jittrasferixxi l-*Economical Dispensary* mill-fond 67 (gia` 117), St Sebastian Street, Qormi, ghall-fond 5, Patri Spiteri Fremond Street, Qormi (ara fol. 10 tal-process). Ghamel din it-talba fuq il-premessa li l-licenzja Nru. SR 125 harget f`ismu sabiex jopera l-ispizerija *Economical Dispensary* u ghalhekk, skond l-attur, dik il-licenzja kienet tappartjeni lilu mhux lis-sidien tal-fond fejn kienet tinsab l-ispizerija.

"Fil-31 ta` Mejju 2004, il-Principal Health Inspector Clifford Cauchi kiteb lill-attur u avzah illi d-Dipartiment ma kienx sejjer iqis l-applikazzjoni tieghu ghal trasferiment b`mod favorevoli wara parir legali (ara fol. 13 tal-process).

"Fil-fatt fis-6 ta' Lulju 2004 l-Avukat Brigitte Ellul ghad-Divizjoni tas-Sahha, kitbet lill-avukat tal-attur fejn avzatu hekk -

> *""Il-licenzja mehtiega tas-Sur Debono kienet tirreferi ghal lok specifiku. Gia la darba dan il-lok ser jinbidel trid issir applikazzjoni gdida ghal licenzja gdida."* (ara fol. 14 tal-process).

"Jekk fl-ittra tal-31 ta` Mejju 2004, id-Dipartiment ma tax ir-ragunijiet ghala l-applikazzjoni ghal rilokazzjoni kienet ser tigi rifjutata, fl-ittra l-ohra, din id-darba tal-avukat tad-Dipartiment, il-posizzjoni legali tad-Dipartiment harget bl-aktar mod car u minghajr l-icken dubju.

"Fl-affidavit tieghu (fol 20 et seq) l-attur isostni li l-licenzja '*kienet dejjem effettivament tappartjeni lill-familja tieghi*'. Tant li anke l-genituri tieghu t-tnejn kienu spizjara. Jafferma li l-mama` tieghu ghaddietlu l-licenzja ta' l-ispizerija u s-sid tal-fond fejn kienet l-ispizerija rrikonoxxja lilu bhala l-inkwilin. Kull ma talab mid-Dipartiment tas-Sahha kien rilokazzjoni ta' l-ispizerija ghal post iehor fl-istess rahal ta` Hal-Qormi.

"It-tesi tal-konvenut hija li l-licenzja giet reza ineffikaci, ladarba l-attur tilef it-titolu ghall-fond fejn kienet l-ispizerija. Il-licenzja tohrog kemm fuq il-persuna kif ukoll fuq l-indirizz ta' l-ispizerija. Ghalhekk l-attur ma setax jitlob trasferiment ghall-fond 5, Triq Patri Spiteri Fremond, Hal-Qormi, izda kellu japplika mill-gdid.

"Il-Principal Health Inspector, Clifford Cauchi xehed hekk a fol. 83 *et seq*-

*""Is-Supretendent tas-Sahha Pubblika kien irceva request, ittra iffirmata minn Mr Said Pullicino … li kien talab ghal trasferiment tal- … proprja kien baghtilna kopja tad-decizjoni tal-Qorti illi s-Sur Mario Debono gie zgumbrat minn hemm u qalilna li jixtieq li l-licenzja tigi fuqu, ahna ktibnielu u ghidnielu le, biex naghtu l-licenzja fuqek irid ikun hemm applikazzjoni fejn ikun hemm il-firma tal-licencee ta' qabel, it-transferee, jigifieri f'dan il-kaz, hu u ta' l-owner tal-post biex ikun hemm transfer tal-licenzja."*

"Kompla jixhed li l-attur kien talab li jaghmel *relocation* ta' l-ispizerija (ara fol. 84). U zied ighid hekk:

*""Ahna tlabna parir legali u minhabba li l-post ma kienx ghadu tieghu, allura effettivament il-licenzja kienet mhix effettiva allura ghidnielu isma ahna m'ahniex sa nikkunsidraw il-licenzja tieghek, ir-request tieghek biex iccaqlaq minn post ghal iehor ghax m'ghandekx post."*

"Mistoqsi mill-Qorti jekk il-licenzja tohrogx fuq il-post jew fuq il-persuna, Clifford Cauchi qal hekk -

*""Fuq it-tnejn li huma, hi fil-licenzja jrid ikollok zewg affarijiet importanti apparti l-fatt x'inhi l-licenzja, imma jrid ikollok zewg affarijiet il-licencee u fuq il-post. Jekk inti tigi tapplika biex ikollok licenzja ta' spizerija u ma tghidlix 1, Main Street, Valletta, jiena mhux se ntijielek…"*

"L-attur isostni li l-applikazzjoni tieghu ma kellhiex titqies daqs li kieku kienet applikazzjoni gdida ghall-ftuh ta` spizerija izda kellha tkun kunsidrata biss bhala rilokazzjoni ta` licenzja ezistenti minn post ghal iehor.

"Kontra dan, il-konvenut wiegeb li ladarba l-attur ma baqax jokkupa l-fond li maghha kienet allokata l-licenzja, dik il-licenzja ma baqghetx veljanti u allura l-attur kellu japplika mill-gdid fuq il-post l-iehor. Propju dwar dan, ix-xhud Clifford Cauchi xehed hekk a fol 86 - *… ladarba ma kellux, illi hu zgumbrat mill-post ma stajniex nikkunsidraw dik ghax kien hemm il-kwistjoni li ma kellux licenzja valida.*

“Waqt il-gbir tal-provi, xehdu persuni ohra.

“Fosthom xehdet Marianne Sant Fournier, President tal-Kamra tal-Ispizjara, li qalet li kien id-Dipartiment tas-Sahha li jiddeciedi dwar *relocation* ta` spizerija. Il-Kamra ma kellhiex x`taqsam ma` decizjonijiet bhal dawk, ghalkemm il-Kamra toffri l-ghajnuna taghha lill-membri taghha, bhall-attur, meta jkun qieghed jitlob *relocation* tal-licenzja tieghu. Saz-zmien li kienet qeghda tixhed, u cioe` is-7 ta` Jannar 2005, kienet taf li kienu saru tnax-il *relocation* ta` spizeriji u safejn taf hi qatt ma kien hemm oggezzjoni mid-Dipartiment tas-Sahha. Id-Dipartiment m`ghandu l-ebda obbligu statutorju li jikkonsulta ruhu mal-Kamra.

“Dwar il-kaz tal-lum, Massimo Borg Millo, Segretarju tal-Kamra tal-Ispizjara, xehed li d-Dipartiment tas-Sahha ried iqis l-applikazzjoni tal-attur daqs li kieku kienet applikazzjoni gdida. Pero` d-Dipartiment ma kienx qed ighid tajjeb ghaliex il-licenzja ssejjah lill-persuna mhux lill-post. Mentri d-Dipartiment kien qed isostni li l-licenzja harget ghal post partikolari mhux ghal persuna. Bhala Kamra, tressaq ilment mad-Dipartiment tas-Sahha izda ma kienx hemm twegiba. Caqlieq ta` licenzja minn post ghal iehor ma kellhiex titqies jew tghaddi mill-gharbiel daqs li kieku kienet applikazzjoni ghall-hrug ta` licenzja gdida.

“Christian Curmi xehed li huwa jiggestixxi *Regent Pharmacy*, 70 Triq il-Merkanti, Valletta. Qabel kienet l-ispizerija kienet tinsab go fond iehor fi Triq Zakkarija, Valletta. Huwa talab *relocation*, qaghad mal-procedura kollha stabbilita mid-Dipartiment tas-Sahha, wara li nghata l-permess tal-MEPA. U d-Dipartiment tas-Sahha hareg il-permess. Baqa` bl-istess licenzja ta` qabel.

“Michael Debrincat xehed fl-istess sens pero` b`riferenza ghal *National Pharmacy* li llum topera minn 17, St. Mary Street, Hamrun u qabel minn Main Street, Hamrun.

**“Ikkunsidrat:**

"It-tema centrali ta' din il-kawza huwa jekk licenzja ghall-gestjoni ta` spizerija hijiex tal-ispizjar, inkella tal-post minn fejn issir il-gestjoni, jew it-tnejn. Jirrizulta li meta tinhareg licenzja fil-kaz ta` spizerija, ikunu jidhru fid-dokument kemm l-isem tal-licenzjarju (bl-indirizz tar-residenza tieghu) kif ukoll l-indirizz tal-ispizerija (ara fol. 6).

"Skond l-attur, dik il-licenzja u cioe` fil-kaz tal-lum l-SR125 tappartjeni lilu *qua* persuna bil-professjoni ta' spizjar u mhux tal-post. U ghalhekk, ighid l-attur, l-ntimat ma kellu l-ebda jedd jirrifjuta t-talba tieghu ghar-rilokazzjoni tal-*Economical Dispensary* minn post ghal iehor. Kif ma kellu l-ebda dritt l-intimat, dejjem skond l-attur, li jqis l-applikazzjoni tieghu bhala applikazzjoni ghall-ftuh ta` spizerija gdida.

"L-attur stess jiddikjara li d-decizjoni tal-intimat kienet (<u>kliem l-attur</u>) *bi ksur car kemm tar-regolamenti relattivi u bi ksur tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta)*

"Fin-nota` ta` osservazzjonijiet tieghu, l-attur jidhol fid-dettall tal-kwistjonijiet ta` fatt li johorgu mill-provi akkwiziti. Pero` l-attur ma jittrattax, <u>ghajr biss f`paragrafu 28</u>, u din il-Qorti tghid, marginalment ghall-ahhar, il-punti ta` dritt involuti fil-kaz tal-lum. Ghal aktar kjarezza, din il-Qorti kienet tistenna li l-attur fin-nota tieghu hghid fejn <u>specifikament</u> l-agir tal-konvenut kien *bi ksur car kemm tar-regolamenti relattivi u bi ksur tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).*

"Fejn naqas l-attur, se tkun din il-Qorti li tqis il-punti ta` dritt wara li diga` ghamlet sintesi tal-punti ta` fatt.

**"<u>L-Art.469A tal-Kap.12</u>** jaqra hekk –

> *"(1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:*

*“(a) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

*“(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin:*

*“(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorita` pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu;* <u>*jew*</u>

*“(ii) meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal- gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta’ l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta’ qabel dwar dak l-eghmil;* <u>*jew*</u>

*“(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta’ l-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;* <u>*jew*</u>

*“(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.”*

“Ghalkemm l-attur ma jghidx liema parti ta` din id-disposizzjoni qieghed jallega li l-intimat kiser fil-konfront tieghu, u allura jekk jirrizulta hekk din il-Qorti jkollha jedd tistharreg l-eghmil amministrattiv tal-intimat, din il-Qorti, abbazi tal-provi akkwiziti, tghid li *jidher* li l-attur qieghed jibbaza ruhu fuq il-paragrafi (iii) u (iv) tas-subinciz (b) tas-subartikolu (1).

“In linea ta` principju, il-ligi trid li fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika ghandu jkun hemm kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-eghmil amministrattiv. Jekk l-eghmil tal-amministrazzjoni pubblika jirrizulta li jkun irritwali jew addirittura kontra l-ligi, hemm ic-cittadin ikollu kull jirrikorri ghall-intervent tal-Qrati sabiex jistharrgu dak l-eghmil u, jekk ikun il-kaz, jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett. Naturalment il-prova tispetta dejjem lil min jallega ; fil-kaz tal-lum lill-attur.

“L-attur qieghed jallega li r-rifjut tal-konvenut li ma jqisx favorevolment it-talba tieghu ghar-rilokazzjoni tal-*Economical Dispensary* kienet decizjoni *ultra vires.*

"Din il-Qorti trid tara jekk id-decizjoni kenitx ragonevoli u skond il-ligi.

"L-awtur Ingliz **HWR Wade** fil-ktieb tieghu "**Administrative Law**" jikkumenta hekk -

> *""A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."*

"L-istess awtur ikompli jikkummenta –

> *""virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness … within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires*."

"Kien ritenut li sabiex decizjoni titqies ragonevoli jehtieg lit kun bazata fuq kriterji oggettivi ("**Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et**" – Qorti tal-Appell – 27 ta` Marzu 2009 u "**Dalli vs Sollars et**" – PA/RCP – 20 ta` Ottubru 2009).

"Fil-kawza "**Council of Civil Services Unions v. Minister for the Civil Service**" [1985] A.C. 374, Lord Diplock qies li decizjoni tkun *irragonevoli* meta tkun *"so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it".*

**"Ikkunsidrat:**

"Ghal din il-Qorti, b`riferenza ghas-sottomissjonijiet finali tal-attur, il-kwistjoni mhijiex kif l-ufficjali tad-Dipartment ittrattaw il-materja, u d-diffikultajiet li nqalghu, inkluz x`setghu qalu jew x`setghu ma qalux, anke fil-korrispondenza

taghhom mal-attur, inkella ma` terzi dwar il-validita` tal-licenzja. Dak li huwa tassew rilevanti huwa xi tghid il-ligi.

“Din il-Qorti accertat li hemm differenza bejn il-kaz tal-*Economical Dispensary* u l-kazi tal-ispizeriji l-ohra li d-dirigenti taghhom tressqu bhala xhieda fil-kaz tal-lum. Infatti ghalkemm kien hemm minnhom li kienu maghluqa ghal zmien limitat meta talbu r-rilokazzjoni, l-ebda wahda mill-ohrajn ma kienet rinfaccjata bi zgumbrament kif gara fil-kaz tal-*Economical Dispensary.* Kollha kienu meqjusa li kien ghad kellhom licenza valida.

“Huwa evidenti li l-kriterju li applika l-intimat ghad-decizjoni tieghu kien il-fatt li l-attur spicca minghajr titolu b`sentenza tal-Qorti u in segwitu kien zgumbrat mill-fond de quo.

“Lejn l-ahhar tal-*iter* ta` din il-kawza, qamet kwistjoni li *anke* wara li l-applikazzjoni ghar-rilokazzjoni kienet rifjutata, l-attur baqa` jhallas il-licenza fuq il-fond li minnu kien zgumbrat u l-intimat accetta l-hlas. Din il-Qorti taccetta minghajr l-icken dubju l-ispjegazzjoni mill-intimat li dak kien zball amministrattiv tant li l-intimat irrifonda lill-attur il-hlasijiet li kien ghamel wara r-rifjut. U l-accettazzjoni tal-hlas tal-licenza ma tistax tinghata piz legali li jaqleb ta` taht fuq il-kwistjoni fis-sens li b`dak il-hlas (li l-accettazzjoni tieghu rrizulta li kien frott ta` zball) issana b`xi mod il-posizzjoni tal-attur.

“Fil-kors tal-kawza, issemma` l-hekk maghruf bhala it-*Tripartite Committee* li huwa kompost minn rapprezentanti tad-Dipartiment tas-Sahha, tal-GRTU u tal-Kamra tal-Ispizjara u qieghed jigi involut meta tinsorgi kwistjoni dwar xi licenza ta’ farmacija. Irrizulta li dan il-*Committee* huwa biss konsultattiv u ma jiddeciedi xejn. L-ahhar kelma tibqa` dejjem tal-intimat. It-*Tripartite Committee* m’ghandhux *status* legali stante li kull decizjoni jekk tinghatax licenzja ghall-spizerija hija vestita skond il-ligi f’idejn l-intimat.

“Abbazi tal-provi akkwiziti, l-attur kien licenzjat sabiex jopera l-ispizerija *Economical Pharmacy* gewwa Hal Qormi fl-1984 (ara l-affidavit ta’ Tonio Cassar, a fol. 220). Dak iz-zmien il-*licenzja ghall-ftuh ta` spizerija* kienet regolata bl-**Art.22(1)** tal-Att dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x`jaqsmu Maghha (Kap.31) li kien jaqra hekk –

*""Ebda persuna ma tista` tiftah jew izzomm spizerija kemm-il darba ma jkunx hemm **dwar dak il-post** licenzja mahruga mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika."* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti)

"L-istess Kap.31 kien jesigi wkoll li d-*direzzjoni ta` spizerija ghandha tkun f`idejn spizjar b`licenza.* Infatti l-**Art.23(1)** ighid hekk –

*""Kull spizerija li qieghda ghall-uzu tal-pubbliku jew ghas-servizz ta` xi sptar jew istitut civili iehor, ghandha tkun immexxija minn spizjar li jkollu l-licenza, u dan ghandu jkun prezenti fl-ispizerija fioz-zmien li din tinzamm miftuha."*

"Dawn iz-zewg disposizzjonijiet gew imhassra bl-Art.108 tal-Att III tal-2003 u cioe` l-Att Dwar il-Medicini (**Kap.458** tal-Ligijiet ta' Malta).

"Jirrizulta li l-ahhar licenza **valida** li nharget lill-attur kienet dik ghas-sena 2002 u dan sar bis-sahha tal-Art.22 tal-Kap.31, kif jixhed kjarament id-dokument a fol 6 tal-process.

"Din il-Qorti tghid li ghall-mod kif svolgew ruhhom il-fatti ta` dan il-kaz, id-disposizzjonijiet tal-Kap.458 tal-Ligijiet ta` Malta (inkluz l-A.L. 279 tal-2007) mhumiex applikabbli. Ikunu applikabbli f`kaz li l-applikazzjoni titqies bhala wahda ghal spizerija gdida. Il-kwistjoni mhijiex pero` jekk dan huwiex kaz ta` applikazzjoni gdida, izda jekk l-intimat agixxiex *ultra vires* meta fid-decizjoni amministrattiva li ha huwa qies li l-attur kien iddekada mil-licenza li kellu meta safa` zgumbrat u allura ma setax jitlob rilokazzjoni lanqas skond id-disposizzjonijiet tal-Kap.31.

"Din il-Qorti tghid li l-licenza in kwistjoni, ghalkemm inharget f`isem l-attur bhala il-persuna li kellha d-direzzjoni tal-farmacija in kwistjoni, fil-fatt kienet qeghda tkopri u tinhareg ghar-rigward tal-indirizz li kien indikat bhala dak ta` *Economical Dispensary* u cioe` 67 (gia` 117) Triq San Bastjan, Hal-Qormi. Ghalhekk li ladarba l-attur tilef it-titolu li kellu ghal dak il-post, u kien ser jigi zgumbrat minnu, huwa ddekada mil-licenza li kienet inharget fir-rigward tal-istess fond skond l-Art.22 tal-Kap.31 bl-effett li huwa la seta` jitlob li dik il-licenza tibqa' fuqu (donnha dik kienet xi dritt vestit), u wisq anqas li dik il-licenza tigi trasferita jew riallokata ghal fond iehor. Jekk ried jiftah spizerija fil-fond 5, Triq Patri Spiteri Fremond, Hal-Qormi, l-attur kellu japplika mill-gdid u l-

applikazzjoni tieghu titqies skond id-disposizzjonijiet tal-Kap.458 tal-Ligijiet ta` Malta.

"Din il-Qorti tqis bhala konformi mal-interpretazzjoni korretta tad-disposizzjonijiet tal-Kap.31 li hekk kif l-attur tilef it-titolu ghall-fond ta` San Bastjan, Hal-Qormi, il-licenza tieghu Nru.SR125 ma baqghetx valida.

"Lord Greene MR fil-kawza "**Associated Provincial Picture Houses Ltd vs Wednesbury Corporation"** (1948) 1 KB 223 at 229 jghid hekk -

> *""It is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean ? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of the things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to matters which is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said and often is said to be acting unreasonably."*

"L-awturi **"Wade & Forsyth" – "Administrative Law"** (Tenth Edition – Oxford University Press – 2009 – pg. 305) ighidu hekk -

> *""Reasonableness does not require reasons to be stated. The only significance of withholding reasons is that if facts point overwhelmingly to one conclusion the decisionmaker cannot complain if he is held to have had no rational reason for deciding differently and that in the absence of reasons he is in danger of being held to have acted arbitrarily."*

"Lord Esher MR fil-kawza **"R v. St. Pancras Vestry (1980)"** 24 QBD 371 at 375 qal hekk –

> *""If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion."*

“Meqjus l-assjem tal-provi, din il-Qorti ma ssibx li l-intimat agixxa *ultra vires.* In partikolari, ma tistax tghid li l-konvenut agixxa kontra l-ligi jew addirittura interpreta l-ligi hazin a skapitu jew pregudizzju tal-attur. Il-gustizzja, l-ekwita` u r-ragjonevolezza huma principji li ghandhom janimaw l-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi. Fil-kaz tal-lum, bil-mod kif svolgew il-fatti, l-konvenut kien jagixxi b`mod irragonevoli li kieku accetta li jakkorda rilokazzjoni tal-ispizerija de qua ghal fond iehor fuq il-premessa li l-attur kien zgumbrat mill-fond b`sentenza tal-Qorti.

**“<u>Ghalhekk l-ewwel u t-tieni talbiet qeghdin jigu michuda</u>**.

“Huwa l-kompitu ta` din il-Qorti meta tkun qeghda taghmel *judicial review* li tara jekk id-diskrezzjoni tal-konvenut gietx ezercitata tajjeb. Mhuwiex pero` r-rwol taghha li tissostitwixxi hi d-diskrezzjoni tal-konvenut li jkun irid jaghmel il-verifiki u l-indagni tieghu qabel jista’ jikkoncedi permessi. Jekk lill-Qorti jirrizultalha li saret xi haga kontra dak li jipprovdi l-Art.469A, allura tista` tordna t-thassir tieghu. Pero` f`dak il-kaz, il-materja terga` tigi rimessa lill-awtorita` kompetenti sabiex tiehu decizjoni hi dwar il-hrug ta` licenza skond il-kompetenza taghha. Il-Qorti ghandha l-obbligu tissindika l-eghmil amministrattiv sabiex tevalwa jekk kienx *ultra vires* u jekk gewx osservati r-regolamenti kollha u l-kriterji li johorgu mil-ligi. Izda l-Qorti m’ghandhiex il-mansjoni li tevalwa hi stess l-applikazzjoni u tiddeciedi fuqha minhabba li jekk taghmel dan tkun qed tuzurpa funzjonijiet amministrattivi.

“Din il-Qorti qeghda taghmel enfasi fuq dan l-element krucjali fil-*judicial review* in vista tal-mod kif kienet dedotta t-tielet talba attrici.

“Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-11 ta` Mejju 2010 fil-kawza “**<u>Fava pro et noe vs Supretendent tas-Sahha Pubblika noe et</u>**” esprimiet il-hsieb taghha bl-aktar mod car fuq dan il-punt –

> *““F’kaz li l-qrati ordinarji jigu mitluba jistharrgu ghemil amministrattiv, il-kompetenza taghhom hi limitata biex tordna li tittiehed decizjoni jew biex thassar dik l-istess decizjoni, pero` ma jaslu qatt biex huma stess jiehdu d-decizjoni flok l-awtorita` kompetenti. Jekk ligi tvesti diskrezzjoni f’xi awtorita`, hija dik l-awtorita` li trid tuza dik id-diskrezzjoni u tiehu d-decizjoni ; jekk id-decizjoni li tittiehed tigi*

*mhassra, il-kwistjoni tigi rimessa mill-gdid lill-awtorita` biex dik tiehu d-decizjoni taghha kif suppost u fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Jekk l-awtorita` ma tiehux decizjoni tista' tigi mgieghla taghmel dan, u jista' jigi indikat lilha li r-ragunijiet ghaliex kienet qed tittituba milli tiehu decizjoni ma kienux relevanti ; pero` finalment hija dik l-awtorita` li trid tiehu d-decizjoni mhux il-Qorti. Hekk fil-kawza '**Grech v. Ministru tax-Xoghlijiet et**' deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fid-29 ta' Jannar 1996 intqal illi: "... il-Qrati fil-funzjoni taghhom ta' judicial review tal-operat tal-Ezekuttiv ghandhom iva d-dritt li jiddeciedu li att partikolari tal-Ezekuttiv ikun null u bla effett izda m'ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni rizervata lill-Ezekuttiv b'dik taghhom." Hekk ukoll fil-kaz aktar ricenti '**Borda v. Ellul Micallef**' deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 2009 gie osservat li, filwaqt li dawn il-qrati jistghu jissindikaw l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv jew organu iehor b'poteri gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji, u li l-awtorita` li hija moghnija b'diskrezzjoni tista' tigi ordnata tezercita dik id-diskrezzjoni f'kaz li tkun naqset li taghmel dan, l-istess awtorita` ma tistax tigi dettata x'ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari."*

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

"… … tirrevoka u thassar is-Sentenza tad-9 ta' Gunju 2011 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi u tilqa' t-talbiet tal-appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju u tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-appellat Tabib Principali tal-Gvern."

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"… … tikkonferma in toto s-sentenza tad-9 ta' Gunju 2011, moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez kollha kontra l-appellati."

Rat li l-intervenuta fil-kawza Marianne Caruana ressqet risposta biex tghid li taqbel interament mad-decizjoni tal-ewwel Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur kien jopera spizerija fi Triq San Sebastjan, Hal Qormi, u ghal dan il-fini kellu l-licenzja appozita li kienet tippermettilu jopera spizerija minn dak il-lok. Il-post kien f'idejh b'kera, u b'sentenza ta' din il-Qorti, Sede Inferjuri tal-10 ta' Ottubru 2003, hu gie zgumbrat mill-fond. Fis-26 ta' Jannar 2004, kiteb ittra lill-konvenut u gharrfu b'dan l-izvilupp u li kien qed ifittex post alternattiv minn fejn seta' jopera. Fid-9 ta' Frar 2004, rega' kiteb lill-konvenut u infurmah li kien se jakkwista post iehor aktar addattat minn fejn jopera n-negozju suggett tal-licenzja tieghu. Fid-19 ta' Mejju 2004 ressaq applikazzjoni ghat-traslog tal-licenzja fuq fond gdid gewwa Triq Patri Spiteri Fremond, Hal Qormi. Din it-talba giet rifjutata mill-konvenut fuq il-bazi li meta l-attur gie zgumbrat mill-fond fi Triq San Sebastjan, il-licenzja giet nulla awtomatikament. It-tezi tieghu hi li ma jistax ikun hemm rilokazzjoni jekk ma hemmx licenzja

valida, u l-licenzja ma baqghetx valida mal-izgumbrament tieghu mill-fond indikat fil-licenzja.

L-ewwel Qorti accettat l-argument tal-konvenut u cahdet it-talba attrici wara li osservat li l-konvenut kien jagixxi b'mod irragjonevoli li kieku accetta li jakkorda rilokazzjoni tal-ispizerija ghal fond iehor fuq il-premessa li l-attur kien zgumbrat mill-fond b'sentenza tal-Qorti.

L-atturi appellaw mis-sentenza kontra l-argument tal-ewwel Qorti, u din il-Qorti tghid li l-kaz hassibha mhux ftit, pero`, *in ultima analizi*, tara li ghandha taqbel mat-tezi attrici. Taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut li l-licenzja ghall-ispizerija ghandha zewg elementi importanti, li huwa l-persuna li fuqha johrog il-permess, u l-post minn fejn topera l-azjenda. Ebda persuna ohra ma tista' topera spizerija minn dak il-post, u l-persuna licenzjata ma tistax topera n-negozju taghha minn post iehor mhux indikat fuq il-licenzja. Dan ma jfissirx, pero` li hekk kif il-persuna licenzjata titlef it-titolu li jkollha fuq il-post, titlef dak il-hin u b'mod awtomatiku l-licenzja ta' spizjar.

L-gheluq tal-ispizerija hija regolata bl-Artikolu 73 tal-Att dwar il-Medicini (Kap. 458 tal-Ligijiet ta' Malta) li skont il-partijiet japplika ghal kaz. (L-attur, fil-fatt, jikkritika lill-ewwel Qorti talli din qalet li l-Kap. 458 mhux applikabbli). Dan l-

artikolu japplika ghal-licenzji li kienu validi u jghodd allura ghall-kaz tal-attur, peress li l-Att dahal fis-sehh qabel ma saret it-talba tieghu ghal rilokazzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi kif gej:

*"73.(1) Id-detentur ta' licenzja ta' xi spizerija ma ghandux jaghlaq spizerija, temporanjament jew xort'ohra, kemm-il darba ma jkunx ta' mill-inqas erbgha u ghoxrin siegha avviz lil, u dak l-gheluq ikun gie hekk awtorizzat minn, l-Awtorita` dwar il-Licenzjar:*

*"Izda dak l-gheluq temporanju ma ghandux jinftiehem bhala li jinkludi l-gheluq ta' spizerija kif jirrizulta mill-assenza mhux prevista jew mistennija ta' xi spizjar, forza magguri li tirrizulta f'li l-fond ma jkunx jista' jinfetah jew l-gheluq barra mill-hinijiet tan-negozju stabbiliti ghall-ispizeriji b'regoli maghmulin mill-Awtorita` dwar il-Licenzjar.*

*"(2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-licenzja ta' spizerija li tkun baqghet maghluqa ghal perjodu ta' hamest ijiem konsekuttivi minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorita` dwar il-Licenzjar, ghandha titqies li tkun giet awtomatikament revokata.*

*"(3) L-Awtorita` dwar il-Licenzjar tista', meta tircievi xi avviz kif hemm imsemmi fis-subartikolu (1), jew meta ssir taf li spizerija tkun inzammet maghluqa, tissigilla l-prodotti medicinali kollha, kull fejn dawn ikunu qed jinzammu mid-detentur ta' licenzja skont id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att u televa kull registru mehtieq li jinzamm mid-detentur ta' licenzja skont il-ligi jew xi ligi ohra."*

F'dan il-kaz, l-attur fis-26 ta' Jannar 2004, meta suppost kien zgombra mill-post, pero`, kien ghadu fil-pussess tal-fond u jopera l-ispizerija, kiteb lill-awtorita` koncernata biex javvzah bl-izviluppi li kienu qed isehhu u li huwa ma kienx behsiebu jcedi jew jittrasferixxi l-licenzja li kellu. Fid-9 ta' Frar 2004, l-

attur rega' kiteb lill-istess awtorita` biex javzah bl-ordni ta' zgumbrament u li allura l-post kien sejjer jinzamm maghluq; hu qal li kien qed ihabbrek biex jakkwista *"new and better premises to transfer my above dispensary."*

Il-konvenut ma wegibx ghal din l-ittra, izda ghal dan m'ghandux ibati l-attur. Huwa veru li l-Artikolu 73(1) jghid li l-gheluq jista' jsir biss bl-awtorizzazzjoni tal-Awtorita` dwar il-Licenzjar, u l-Artikolu 73(2) jghid li gheluq ta' spizerija ghal perjodu ta' hamest ijiem konsekuttivi, minghajr id-debita awtorizazzjoni, iwassal ghal revoka awtomatika tal-licenzja, pero`, jekk dak li jkun jitlob awtorizzazzjoni, u l-Awtorita` ma twegibx, ghan-nuqqas ta' din tal-ahhar li tezercita l-funzjoni taghha, il-persuna licenzjata m'ghandhiex issofri pregudizzju. L-ittra tad-9 ta' Frar 2004, li ma jirrizultax li inkitbet meta l-fond kien diga` maghluq (l-attur jghid li l-izgumbrament effettiv sehh f'nofs Frar 2004), kienet effettivament tammonta ghal talba ghall-awtorizazzjoni biex l-attur jieqaf jopera mill-ispizerija tieghu b'mod temporanju, u kien nuqqas tal-konvenut li baqa' ma wegibx ghat-talba. L-Awtorita` koncernata ma tistax tipprova tieghu vantagg min-nuqqasijiet taghha. Kwindi ma jistax jinghad li l-attur zamm l-ispizerija maghluqa *"minghajr l-awtorizazzjoni tal-Awtorita`"* koncernata, ghax wara l-ittra tal-attur tad-9 ta' Frar 2004 kien mistenni mill-Awtorita` li jekk kienet qed toggezzjona ghall-gheluq tal-ispizerija kienet tinforma b'dan lill-attur u mhux tibqa' siekta biex wara tissorprendih bl-oggezzjoni taghha. La dan ma ghamlitux, l-attur ma jistax jitqies li ma kellux l-

awtorizzazzjoni tal-Awtorita` u anzi l-istess Awtorita` ghandha titqies li akkonsentit ghall-gheluq temporanju tal-ispizerija.

Jidher li l-ewwel Qorti legittimament kienet imhassba bil-fatt li l-attur, kemm fis-26 ta’ Jannar u kemm fit-8 ta’ Frar 2004, kien suppost gia` telaq mill-fond. Hu, fil-fatt, kien inghata xahar zmien mill-10 ta’ Ottubru 2003 biex jivvaka l-fond. Fil-fatt, l-ewwel Qorti qieset l-atteggjament tal-attur bhala tentattiv sabiex jibqa in okkupazzjoni tal-fond fi Triq San Sebastjan sakemm jilhaq isib post iehor. Dan jista’ jkun veru, pero`, bhala stat ta’ fatt, l-attur kien in okkupazzjoni tal-fond meta talab permess jaghlaq l-azjenda b’mod temporanju, u ghalhekk meta l-Awtorita` giet rinfaccjata bl-ittri tal-attur ta’ Jannar u ta’ Frar 2004 kien mistenni minnha li, fid-dawl tal-fatt li l-attur ried isib post alternattiv, tinforma lill-attur kinitx qed tawtorizza dak l-gheluq temporanju tal-ispizerija jew le. Il-konvenut seta’, jekk jakkorda l-awtorizazzjoni, jimponi terminu perentorju li matulu l-ispizerija setghet tibqa’ maghluqa, pero`, kif inghad, ma wegibx ghat-talba u kwindi, l-Artikolu 73 imsemmi ma jistax jigi invokat.

Dan hu hekk ukoll tenut kont tal-fatt li wara s-sentenza ta’ zgumbrament l-attur baqa’ jhallas l-licenzja b’mod regolari u l-konvenut accetta dan il-hlas anke wara li l-istess kien applika ghar-rilokazzjoni. Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, ghalhekk, ma jistax jigi ritenut li l-licenzja relattiva waqghet. Min-naha

tal-konvenut, dak li huwa importanti hu li n-negozju jibqa generat mill-fond licenzjat, u mhux x'titolu ghandu l-ispizerija fuq il-post.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Tabone Computer Centre Ltd v. Ir-Regolatur tat-Telegrafija minghajr Fili et**, deciza fis-27 ta' Jannar 2011 (sentenza li giet kkonfermata minn din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru 2014) kienet osservat li:

> *"ghalkemm licenzja m'hijiex kuntratt u l-persuna licenzjata tista' tixxiebah ma' parti li tibbenefika minn permess ta' awtorita` dwar is-setgha ta' xi ghamil, it-thassir ta' licenzja ma jistax isir jekk mhux fil-parametri mahsuba fl-ghoti tal-istess licenzja u tal-kundizzjonijiet mahrugin tahta."*

Li kieku l-attur qabad u ghalaq l-ispizerija ghal hamest ijiem konsekuttivi minghajr awtorizazzjoni tal-konvenut, tkun tista' tghid li sar ksur ta' kundizzjoni marbuta ma' licenzja. Darba, pero`, mhux hekk gara, u l-fond baqa jopera bhala spizerija bil-beneplacitu tal-Awtorita` kompetenti, jekk mhux addirittura bil-kunsens tacitu taghha, ma jistax jigi ritenut li l-gheluq tal-ispizerija ma kienx bl-awtorizzazzjoni tal-konvenut u ghalhekk anqas jista' jigi ritenut l-licenzja saret "invalida" ghar-raguni li l-attur tilef it-titolu fuq il-fond.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, ir-rifjut tal-konvenut li jikkunsidra t-talba ghal rilokazzjoni, a bazi tal-fatt li l-attur gie zgumbrat mill-fond, kienet

hazina u kontra l-ligi, u ghandha tithassar. L-ewwel zewg talbiet jimmeritaw, ghalhekk, li jkunu akkolti, pero`, mhux l-istess it-tielet talba. F’kaz ta’ stharrig gudizzjarju, il-Qorti ma tasalx biex hi stess tiehu decizjoni flok l-awtorita` kompetenti izda, wara li thassar id-decizjoni li tkun ittiehdet, tibqa ghall-istess awtorita` biex din tikkunsidra l-kaz mill-gdid u tiehu decizjoni fit-terminu tal-ligi wara li tiehu kaz tal-konsiderazzjonijiet kollha rilevanti – ara **Fava et v. Supretendent tas-Sahha Pubblika et** deciza minn din il-Qorti fil-11 ta’ Mejju 2010.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tilqa’ l-istess biss in parte, tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tirrevokaha fejn cahdet l-ewwel u t-tieni talba attrici, u minflok tghaddi biex tilqa’ dawn iz-zewg talbiet kif dedotti; tikkonferma l-istess l-ewwel sentenza fejn cahdet it-tielet talba attrici.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza jithallsu kwantu ghal terz ($^1/_3$) mill-atturi u zewg terzi ($^2/_3$) mill-konvenut, b’dan li l-intervenuti fil-kawza ghandhom ibatu l-ispejjez taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------